MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2012

Numru. 818/2012

Il-Pulizija
(Sp Nezren Grixti)
vs
Festus Okwara, iben Okuara, imwieled in-Niġerja fit-28 ta' April, 1982, karta ta' l-identita numru 46381(A)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli matul ix-xahar ta' Novembru, 2010 f'dawn il-Gzejjer, għamel delitt billi mbarka minn Malta mingħajr ma kellu passaport u mingħajr ma ta lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u meħtieġ.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Awwissu, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet il-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------